*it-talba tar-ritrattand għal ritrattazzjoni tas-sentenza tal-appell abbażi tal-para. (h) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, ma tistax tirnexxi għaliex jonqos almenu r-rekwiżit li s-sentenza preċedenti u s-sentenza tal-appell għandhom fil-mertu l-istess oġġett - sabiex it-talba għal ritrattazzjoni tirnexxi skont il-paragrafu tal-artikolu 811 (i) tal-Kap. 12, wieħed għandu jikkunsidra l-parti diżpożittiva tas-sentenza mpunjata, u l-Qorti ma tagħraf l-ebda kontradittorjetà f'din il-parti tas-sentenza tal-appell -*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Frar, 2024

Appell Inferjuri Numru 22/2022 LM

**Paul (K.I. nru. 27690(M)) u Carmen (K.I. nru. 21675(G)) Caruana; Roger (Passaport Ingliż nru. 534078897) u Janet Mayo (Passaport Ingliż nru. 523727551); Kevin (K.I. nru. 14681(G)) u Cora (K.I. nru. 21291(G)) Theuma; Twanny (K.I. nru. 23372(G)) u Tania (K.I. nru. 433891(M)) Axiaq; Charlie (K.I. nru. 3970(G)) u Rita (K.I. nru. 1368(G)) Calleja u Lorenza Sciberras (K.I. nru. 14051(G))**
*('ir-ritrattati')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Ippjanar**
**u l-kjamat in kawża Simon Chris Enriquez** *('ir-ritrattand')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa rikors ta’ ritrattazzjoni magħmul mill-kjamat fil-kawża **Simon Chris Enriquez (K.I.nru. 575790(M))** [minn issa ’l quddiem ‘ir-ritrattand’] wara s-sentenza tal-appell ta’ din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, mogħtija fil-11 ta’ Jannar, 2023, [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza tal-appell’], li permezz tagħha ddeċidiet billi ċaħdet l-appell tiegħu fil-konfront tat-terzi oġġezzjonanti **Paul (K.I. nru. 27690(M)) u Carmen (K.I. nru. 21675(G)) Caruana, Roger (Passaport Ingliż nru. 534078897) u Janet (Passaport Ingliż nru. 523727551) Mayo, Kevin (K.I. nru. 14681(G)) u Cora (K.I. nru. 21291(G)) Theuma, Twanny (K.I. nru. 23372(G)) u Tania (K.I. nru 433891(M)) Axiaq, Carmelo (K.I. nru. 3970(G)) u Rita (K.I. nru. 1368(G)) Calleja** u **Lorenza Sciberras (K.I. nru. 14051(G))** [minn issa ’l quddiem ‘ir-ritrattati’], fejn ikkonfermat id-deċiżjoni tat-Tribunal ta’ Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta’ April, 2022, [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’ u ‘id-deċiżjoni tat-Tribunal’ rispettivament], bl-ispejjeż kontrih.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta’ dawn il-proċeduri jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar li tilqa’ l-applikazzjoni tar-ritrattand għal permess nru. PA 5766/20 għall-bini ta’ residenza u *basement* sottostanti fuq sit vakanti, li huwa aċċessibbli minn Sqaq fi Triq San Lawrenz, San Lawrenz, Għawdex. Ir-ritrattati kienu appellaw bħala terzi minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, li permezz tad-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta’ April, 2022, laqa’ l-appell tagħhom u ċaħad l-għoti tal-permess in kwistjoni.

## Mertu

3. Ir-ritrattand intavola proċeduri tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, permezz tal-preżentata ta' rikors fit-13 ta' Mejju, 2022 fejn talab:

> *"...sabiex jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-appell bin-numru 60/21JB u datata t-28 t'April, 2022, mogħtija fl-ismijiet premessi u tordna minflok li l-Awtorità tapprova l-applikazzjoni* de quo *jew illi l-każ jiġi rinvjat lura lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kif diversament kompost sabiex jiġi deċiż mill-ġdid skont il-liġi u/jew li tagħti kwalunkwe ordni jew provvediment opportun fir-rigward.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati."*

4. Ir-ritrattati wieġbu fit-18 ta' Lulju, 2022, fejn sostnew li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet waħda ġusta kif spjegat fit-tweġiba tagħhom, u għaldaqstant kienet timmerita konferma.

5. L-Awtorità tal-Ippjanar wieġbet fl-4 ta' Awwissu, 2022 fejn issottomettiet li l-appell imressaq mir-ritrattand kien ġustifikat għal dawk ir-raġunijiet li spjegat fir-risposta tagħha, u għalhekk kellu jiġi milqugħ.

## Is-Sentenza tal-Appell

5. Din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, waslet għas-sentenza tal-appell wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dawn il-proċeduri:

> ***"Ikkunsidrat***
>
> *L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:*

*1. Fl-ewwel lok, it-Tribunal kellu qabel xejn iqis it-tieni aggravju tal-*objectors*, u ċioe jekk l-iżvilupp propost kellux jitqies li għandu* frontage *fuq triq skemata. Dan għaliex huwa minn ewl id-dinja illi l-linji gwida dwar* internal development*, illi t-Tribunal dehrlu li ma ġewx soddisfatti, kellhom jiġu applikati biss jekk it-Tribunal jikkonkludi li s-sit ma għandux* frontage *fuq triq pubblika. Jekk jiġi konkluż illi s-sit jikkwalifika bħala wieħed li jagħti għal fuq triq pubblika, mela allura l-linji gwida msemmija jiġu superfluwi;*

*2. It-tieni aggravju huwa marbut sfiq mal-ewwel wieħed. Huwa sottomess filfatt illi x'jikkonsisti fi "triq" għal skopijiet ta' liġi ta' ppjanar u ta' santità huwa differenti ferm minn kuntesti oħra. L-appellant josserva illi t-triq in kwistjoni hija triq iffurmata illi ġa tagħti aċċess lil numru ta' garaxxijiet, hija triq illi hija użata regolarment u hija aċċessibbli u miftuħa għall-pubbliku in ġenerali. Għalhekk għandha titqies bħala waħda "pubblika" għal skopijiet tal-applikazzjoni;*

*3. Fit-tielet lok, f'każ illi din il-Qorti taqbel illi kellhom jiġu applikati l-linji gwida ta'* internal development *għandu jirriżulta li dawn ġew interpretati ħażin mit-Tribunal u li interpretazzjoni korretta tal-istess kellha twassal biex jingħata l-permess.*

***L-aggravji meħudin flimkien***

*Il-Qorti tqis li l-aggravji tal-appell ma fihomx mertu. Il-kwistjoni li tqajmet hi jekk l-iżvilupp kienx qed isir f'*internal development *jew le. It-tifsira ta'* internal development *hi waħda ċara ċioe binja li issir wara arja żviluppata jew fejn wieħed jew aktar mill-fond residenzjali ma għandux faċċata fuq* 'schemed road'. *Kif sewwa sostna t-Tribunal jekk l-iżvilupp ma għandux faċċata fuq* schemed road *jitqies bħala* 'internal development'. *F'dan il-każ, avolja l-applikant jissottometti li xi forma ta' aċċess hemm għaliex hemm 'triq' li tagħti aċċess għal numru ta' garaxxijiet u hija 'pubblika' għax miftuħa u tista' tintuża mill-pubbliku, it-Tribunal ikkonsidra li l-aċċess għal binjiet jikkwalifika bħala 'triq' skont id-definizzjoni provduta fil-Kap. 552 però kif sewwa qal it-Tribunal din it-tifsira ma tagħtix permess għal kull tip ta' żvilupp għax l-iżvilupp hu regolat mill-pjanijiet lokali u l-linji gwida DC2015 fejn jipprovdu* zoning *u interpretazzjoni għal tipi ta' xenarji ta' żvilupp differenti.*

*F'dan il-każ irriżulta illi l-iżvilupp hu aċċessibbli biss minn daħla skont permess PA3748/01 fejn l-indikazzjoni tal-*builidng line *fl-*'initial setting out' *tal-permess tkompli għaddejja tul Triq San Lawrenz u ma iddurx għad-daħla fejn qed jintalab l-iżvilupp.*

*Ma rriżulta ebda triq skemata għal din id-daħla u għalhekk il-*policy *rigwardanti* internal development *kellu jiġi applikat f'dan il-każ.*

*Lanqas jista' jingħad li tapplika l-eċċezzjoni f'*policy *P33 fejn jista' jiżdied* unit *residenzjali wieħed f'*internal development *peress li ma hemmx* unit *residenzjali intern ġia stabbilit b'aċċess dirett minn triq skemata. La darba ma saritx* planning control application *mal-applikazzjoni ta' żvilupp biex issir triq l-iżvilupp ma setax jiġi kunsidrat.*

*It-Tribunal applika b'mod korrett il-*policies *għal każ u l-aggravji tal-appellant qed jiġu miċħuda."*

**<u>Ir-rikors</u>**

6. Permezz tar-rikors tiegħu ppreżentat fl-10 ta' April, 2023, ir-ritrattand qed jitlob lill-Qorti sabiex tħassar is-sentenza tal-appell, u tordna r-ritrattazzjoni tagħha għaliex:

*"(i) Is-sentenza hija kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet in ġudikat (u għalhekk skont l-artikolu 811(h));*
*(ii) Is-sentenza fiha dispożizzjonijiet kontradittorji (u għalhekk ai termini tal-artikolu 811(i));*
*(iii) Inoltre s-sentenza hija milquta wkoll minn żbalji ta' fatt a tenur tal-artikolu 811(l) tal-istess Kap 12 u għalhekk hemm ukoll lok għal ritrattazzjoni fuq dik il-bażi."*

7. **L-Awtorità tal-Ippjanar** wieġbet fl-4 ta' Mejju, 2023 fejn tissottometti li l-Qorti għandha tiċħad it-talba tar-rittrattand taħt kull provvediment li jidhrilha xieraq li għandha tagħti, u dan għaliex ma jeżistux l-estremi li titlob il-liġi għal ritrattazzjoni.

8. Ir-ritrattati **Paul Caruana u martu Carmen Caruana** ppreżentaw risposta fil-5 ta' Settembru, 2023 fejn issottemettew li r-rikors tar-ritrattand ma fihx ir-rekwiżiti għal ritrattazzjoni, u għalhekk għandu jiġi miċħud, bl-applikazzjoni tas-subartikolu 223(4) tal-Kap. 12.

9. Ir-ritrattati **Twanny u Tanya Axiaq, Charlie u Rita konjuġi Calleja, Roger u Janet konjuġi Mayo, Kevin u Cora konjuġi Theuma u Lorenza Sciberras** wieġbu fl-1 ta' Novembru, 2023, fejn huma wkoll issottomettew li r-rikors tar-ritrattand għandu jiġi miċħud għaliex ma fihx l-estremi li titlob il-liġi għal ritrattazzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra qabel xejn, kif jirrilevaw ir-rittrattati u anki l-Awtorità tal-Ippjanar, li fil-każ odjern ma jeżistux l-estremi tal-liġi sabiex hemm lok ta' ritrattazzjoni tas-sentenza tal-appell.

11. Tibda billi tikkunsidra dak li qiegħed jgħid ir-ritrattand. Fl-introduzzjoni tar-rikors tiegħu, huwa jispjega l-isfond tal-kwistjoni tal-preżenti proċeduri. Imbagħad jgħaddi sabiex ifisser it-tliet aggravji li huwa ressaq fl-appell tiegħu mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell, u anki jagħmel riferiment għal dak li qalet l-istess Qorti. Jgħid li huwa ħassu aggravat bis-sentenza tal-appell, u kien qed jagħmel ir-rikors tiegħu sabiex jitlob li din tiġi ritrattata għar-raġunijiet li ser isegwu.

*L-ewwel raġuni* li r-ritrattand jagħti, tistrieħ fuq il-para. (h) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, u jikkontendi li s-sentenza tal-appell hija kuntrarja għal sentenza oħra deċiża bejn il-partijiet fuq l-istess oġġett. Jispjega li huwa kien ippreżenta applikazzjoni PA 04907/15 għall-kostruzzjoni ta' *terraced house with garage* u l-permess kien sussegwentement inħariġlu mill-Awtorità tal-Ippjanar, iżda tħassar mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tagħha tal-15 ta' Lulju, 2020 wara appell

mir-ritrattati stess. Jissottometti li hemmhekk il-Qorti tal-Appell kienet applikat il-Policy P6 tad-DC15 fir-rigward tal-wisgħa tas-*side garden,* u għalhekk fuq il-preżunzjoni li l-*plot* tiegħu seta' jiġi żviluppat. Fid-dawl ta' dik is-sentenza, saret bidla fil-pjanti u tressqet l-applikazzjoni illum mertu tal-proċeduri odjerni. Għalhekk jikkontendi li s-sentenza tal-appell hija dwar l-istess *plot,* l-istess applikant u l-istess *objectors* jew partijiet, sabiex hemm kontradizzjoni bejn dik is-sentenza u s-sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Appell.

*It-tieni raġuni* għaliex ir-ritrattand qiegħed jitlob għar-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-appell, hija li din fiha dispożizzjonijiet kontradittorji *ai termini* tal-para. (i) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. Jissottometti li l-Qorti tal-Appell kienet ittrattat l-aggravji tiegħu flimkien, għalkemm dawn kienu distinti minn xulxin, u fejn ukoll it-tieni u t-tielet aggravji tressqu bħala alternattivi għal xulxin. Ir-ritrattand jgħid li dan wassal għal kontradizzjonijiet fil-korp tas-sentenza. Jispjega mill-ġdid it-tieni aggravju tiegħu li jolqot it-tifsira tal-kelma 'triq', jiġifieri kif skont hu għandha tinftiehem u kif ġiet imfissra mill-Qorti tal-Appell, fejn għamlet kunsiderazzjonijiet kuntradittorji għaliex jekk proprjetà hija meqjusa li għandha aċċess dirett minn triq skemata, din ma tistax tiġi meqjusa bħala *internal development.* Jekk imbagħad il-Qorti tal-Appell kellha fehma differenti, hija kienet tenuta tapplika l-*policies* dwar *internal development* b'mod korrett ukoll. Jispjega li għalhekk huwa kien qiegħed jikkontendi li s-sentenza tal-appell fiha dispożizzjonijiet kontra xulxin.

*It-tielet raġuni* għaliex ir-ritrattand qiegħed jitlob għar-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-appell, hija li din tinsab milquta minn żbalji ta' fatt kif kontemplat fil-para. (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. Jirrileva li l-Qorti tal-Appell għamlet riferiment għall-applikazzjoni PA/3749/01 sabiex tissostanzja l-argument

tagħha illi l-permess ma ħoloqx *schemed road* illi ddur sal-*plot* tar-rikorrenti. Jikkontendi li hawnhekk il-garaxxijiet u r-residenzi ġew approvati skont l-istess permess, iżda l-Qorti tal-Appell saħansitra stqarret li ma kien hemm l-ebda residenza fit-triq in kwistjoni.

12. Il-Qorti issa ser tikkunsidra dak li qiegħda tissottometti l-Awtorità tal-Ippjanar. Din tirrileva li fil-punt 4.1 tar-rikors tar-ritrattand, huwa jinsisti li s-sentenza tal-appell hija milquta mill-para. (h) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, billi hija kuntrarja għal sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Paul u Carmen et *vs.* l-Awtorità tal-Ippjanar** (App. 50/2019) deċiża fil-15 ta' Lulju, 2020. Tgħid li skont il-ġurisprudenza stabbilita, għandhom jirriżultaw is-segwenti rekwiżiti sabiex tiġi ordnata r-ritrattazzjoni *ai termini* tal-para. (h) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12: (a) is-sentenza hija kuntrarja għal sentenza oħra preċedenti; (b) tali sentenza tkun ġiet deċiża bejn l-istess partijiet; (ċ) id-deċiżjoni tkun dwar l-istess ħaġa; (d) is-sentenza preċedenti tkun għaddiet f'ġudikat; (e) ma tkunx ingħatat l-eċċezzjoni ta' *res judicata.* Tikkontendi li fil-każ odjern, ir-rekwiżiti taħt (b) u (ċ) mhumiex qegħdin jiġu sodisfatti għal kollox. Tgħid ukoll li l-ewwel rekwiżit mhux sodisfatt għal kollox stante li fis-sentenza tal-appell jidhru żewġ partijiet oħra li huma Kevin u Cora Theuma. Għal dak li jirrigwarda r-rekwiżiti (ċ), l-Awtorità tal-Ippjanar tikkontendi li ma jistax jingħad li ż-żewġ sentenzi jirrigwardaw l-istess ħaġa. Tispjega li d-deċiżjoni tal-15 ta' Lulju, 2020, tittratta appell minn deċiżjoni tat-Tribunal dwar PA 2080/18 u mhux PA 4907/15 kif erronejament indikat fir-rikors mir-ritrattand, fejn intalab permess *'to construct an additional garage to the development approved in PA 3748/01'* fil-fond li jinsab fi Triq San Lawrenz, San Lawrenz, Għawdex. Tgħid li fis-sentenza msemmija r-ritrattand kien ressaq żewġ aggravji: i) it-Tribunal naqas milli

jikkunsidra sew il-kunċett ta' *res judicata;* u ii) it-Tribunal skarta l-*policy GZ-Edge-1.* Fil-proċeduri tal-appell tas-sentenza tal-appell, ir-ritrattand jgħid li kien ressaq tliet aggravji: (a) it-Tribunal kellu jikkunsidra jekk l-iżvilupp propost kellux *frontage* fuq triq skemata; (b) dik li hija kkunsidrata bħala triq fil-liġi tal-ippjanar u dik li hija triq mil-lat ta' santità, huma differenti; (ċ) il-linji gwida ta' *internal development* ġew interpretati b'mod ħażin. L-Awtorità tal-Ippjanar issostni li anki ż-żewġ applikazzjonijiet jittrattaw materji differenti, għaliex filwaqt il-PA 2080/18 jikkunsidra ż-żieda ta' garaxx, PA 5766/20 jikkonċerna ż-żieda ta' residenza fuq din l-istess triq li mhijiex skemata. B'hekk tgħid li għalihom japplikaw *policies* għal kollox differenti. Minn dan kollu tgħid li jsegwi li l-oġġett, il-mertu u anki l-partijiet tal-kawżi mhumiex l-istess, u l-para. (h) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 mhuwiex applikabbli għall-każ odjern. Għal dak li jirrigwarda l-para. (i) tal-istess artikolu 811 tal-Kap. 12, li fuqu r-ritrattand qed jitlob ukoll ritrattazzjoni tas-sentenza tal-appell, hija tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2001 fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Joseph Borg et *vs.* Carmela armla ta' Joseph Muscat**, u anki dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ġunju, 1959 fl-ismijiet **Mro. Giuseppe Camilleri *vs.* Joseph Bezzina**. L-Awtorità tal-Ippjanar tgħid li r-ritrattand jipprova jiġġustifika dak li qiegħed jgħid billi jagħmel riferiment għall-kunsiderazzjonijiet magħmulin fis-sentenza tal-appell, u tikkontendi li dawn ma jistgħux ikunu ta' għajnuna fid-dawl tal-ġurisprudenza appena ċitata. Tirrileva li l-parti operattiva tas-sentenza li qiegħda tintalab ritrattazzjoni minnha hija waħda, u tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Jannar, 1997 fl-ismijiet **Carmelo Busuttil *vs.* Mary Gauci et**. Dwar l-aħħar ilment tar-ritrattand li huwa msejjes fuq il-para. (l) tal-artikolu 811

tal-Kap. 12, l-Awtorità tal-Ippjanar tirrileva li skont l-artikolu 39 tal-Kap. 551, appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punt ta' liġi jew minħabba allegat ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, u b'hekk kwistjonijiet dwar interpretazzjoni ta' fatti ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). B'hekk mhuwiex il-każ li din il-Qorti ħadet xi żball ta' fatt fis-sentenza tal-appell.

13. Ir-ritrattati konjuġi Caruana u r-ritrattati l-oħrajn ippreżentaw risposti separati, iżda s-sottomissjonijiet tagħhom huma l-istess. Huma jibdew billi jagħmlu riferiment għal dak li qalet din il-Qorti, diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Said International Limited *vs.* Mac Limited et** tas-7 ta' Lulju, 2003. Dwar l-ewwel argument tar-ritrattand imsejjes fuq il-para. (h) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, huma jirrilevaw li għalkemm fil-proċeduri odjerni u f'dawk tal-appell intavolat minnhom u oħrajn wara l-ħruġ tal-permess PA/04907/15, il-partijiet huma l-istess, l-oġġett mertu tal-proċeduri ma kienx l-istess għaliex is-sentenza tal-appell irrevokat il-permess PA/2080/18 u mhux dak appena ċitat, fejn ma kien sar l-ebda appell wara li t-Tribunal għoġbu jirrevokah. Jispjegaw li hawnhekk ir-ritrattand qiegħed filfatt jikkonfondi applikazzjoni ma' oħra, u fi kwalunkwe każ, il-mertu tal-proċeduri li wasslu għas-sentenza tal-15 ta' Lulju, 2020 kien differenti minn dak tas-sentenza tal-appell hawn impunjata. Filwaqt li jfissru l-aggravji rispettivi li tressqu f'dawn l-imsemmija żewġ appelli, isostnu li għalhekk jirriżulta li wieħed mir-rekwiżiti tal-para. (h) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 ma kienx ġie sodisfatt. Dwar it-tieni argument tar-ritrattand li s-sentenza tal-appell fiha dispożizzjonijiet kontradittorji kif jikkontempla l-para. (i) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, ir-ritrattati jgħidu li dan huwa fieragħ kollu kemm hu. Filwaqt li jirrilevaw li skont il-

ġurisprudenza, sabiex ikun hemm raġuni għal ritrattazzjoni d-dispożizzjonijiet kontradittorji għandhom jinsabu fil-parti dispożittiva tas-sentenza, isostnu li m'hemm l-ebda kontradizzjoni f'dik il-parti tas-sentenza tal-appell. Dwar it-tielet argument tar-ritrattand li huwa msejjes fuq il-para. (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, ir-ritrattati jissottomettu li skont il-ġurisprudenza żball ta' fatt li jagħti lok għal ritrattazzjoni għandu jkun marbut ma' punt li ma ġiex ikkontestat, diskuss u deċiż mill-Qorti, u għandu jkun wieħed materjali, manifest u li jirriżulta mill-atti stante li mhux permess li ssir prova sabiex tissostanzja l-allegazzjoni ta' żball. Jirrilevaw ukoll li l-iżball ma jistax ikun wieħed marbut mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant, għaliex dan jikkostitwixxi konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant. Jgħidu li skont ir-ritrattand, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-appell straħet fuq PA 3748/01 fir-raġunament tagħha, iżda mbagħad ma kkunsidratx li bl-istess permess ġew approvati residenzi bħala parti mill-istess żvilupp, u stqarret li ma kien hemm l-ebda residenza fit-triq in kwistjoni. Ir-ritrattati jispjegaw li meta l-Qorti għamlet riferiment għall-permess imsemmi, dan kien sabiex tgħin l-argument tagħha li ma tirriżulta l-ebda triq skemata fid-daħla fejn ir-ritrattand kien qed jitlob għal permess ta' żvilupp. Ikomplu jispjegaw li r-residenzi approvati taħt dak il-permess filfatt kellhom faċċata fuq Triq San Lawrenz, u d-dħul tagħhom kien proprju minn hemmhekk. Ir-ritrattati jispjegaw wkoll li peress li ma kinitx saret *planning control application* mal-applikazzjoni ta' żvilupp sabiex issir triq skont il-*policy* relattiva, l-iżvilupp propost ma setax jiġi kkunsidrat. Għalhekk jgħidu li r-ritrattand kien qiegħed b'mod skorrett, u saħansitra falz u qarrieqi, jagħti l-impressjoni li diġà kien hemm fondi residenzjali oħra f'dik id-daħla, u huwa kien

qed jitlob sabiex issir evalwazzjoni differenti minn dik li għamlet il-Qorti tal-Appell.

14. Dwar it-talba tar-ritrattand għal ritrattazzjoni tas-sentenza tal-appell kif imsejsa fuq il-para. (h) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, il-Qorti tgħid li l-partijiet l-oħra huma korretti meta jinsistu li t-talba ta' ritrattazzjoni ma tistax tirnexxi b'dan il-mod għaliex jonqos almenu r-rekwiżit li s-sentenza preċedenti u s-sentenza tal-appell għandhom fil-mertu l-istess oġġett. Jirriżulta li filwaqt li l-mertu tas-sentenza preċedenti kien jittratta l-applikazzjoni PA 2080/18 għall-iżvilupp ta' garaxx addizzjonali, is-sentenza tal-appell ikkunsidrat l-applikazzjoni PA 05766/20 għall-kostruzzjoni ta' *terraced house with an underlying basement.* Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tammetti t-talba tar-ritrattand kif imsejsa fuq il-para. (h) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12.

15. Dwar l-imsemmija talba tar-ritrattand skont il-para. (i) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, il-Qorti tgħid li anki hawnhekk it-talba tiegħu mhijiex ġustifikata. Tibda billi tqis li kif sewwa jirrilevaw l-Awtorità tal-Ippjanar u r-ritrattati, huwa sew stabbilit fil-ġurisprudenza, li sabiex it-talba għal ritrattazzjoni tirnexxi skont il-paragrafu tal-artikolu 811 (i) tal-Kap. 12, wieħed għandu jikkunsidra l-parti diżpożittiva tas-sentenza mpunjata. Il-Qorti ma tagħraf l-ebda kontradittorjetà f'din il-parti tas-sentenza tal-appell.

16. Dwar it-talba tar-ritrattand kif imsejsa fuq il-para. (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, il-Qorti filwaqt li tikkunsidra tajba u rilevanti s-sottomissjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-kompetenza limitata tal-Qorti tal-Appell li tirċievi quddiemha u tittratta biss appelli mit-Tribunal fuq punti ta' liġi, u għaldaqstant ir-ritrattand ma jistax jistrieħ fuq il-paragrafu tal-liġi appena

msemmi, tgħid ukoll li ma ssibx li s-sentenza tal-appell hija konsegwenza ta' żball tal-Qorti tal-Appell. Tirrileva li pjuttost ir-ritrattand qiegħed jagħti l-interpretazzjoni ta' din is-sentenza tal-appell skont dak li jaqbel lilu għall-fini tat-talba ta' ritrattazzjoni.

17. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis li ma tistax tilqa' t-talba tar-ritrattand.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors tar-ritrattand billi tiċħdu, bl-ispejjeż kontrih.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**